MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 24/2005/1

**Sylvia Zammit**

**v.**

**Heleno Zammit**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

**1.** Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni tal-Familja fis-27 ta' April 2006, li permezz taghha dik il-Qorti cahdet talba tal-attrici biex jigi dikjarat li

z-zwieg taghha mal-konvenut kien null. Il-konvenuta quddiem l-ewwel Qorti invokat kemm id-difett ravvizat fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 19 tal-Kap. 255 – komunement, ghalkemm forsi b'certu nuqqas ta' precizjoni, maghruf bhala "nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju" – kif ukoll dak ravvizat fil-paragrafu (f) tal-istess Artikolu 19(1) – is-simulazzjoni.

**2.** Ghar-ragunijiet li ser jissemmew aktar 'l quddiem f'din is-sentenza, ikun opportun li tigi hawn riprodotta s-sentenza appellata fl-intier taghha:

"Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

"Peress illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar it-3 ta' Dicembru tas-sena elf disa mija u tlieta u tmenin (1983) skond ma kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg hawn mehmuz markat Dok A;

"Peress illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom zewgt itfal jisimhom Gilbert ta' dsatax-il sena u Vanessa ta' sittax-il sena;

"Peress illi l-istess kontendenti kienu sseparaw legalment minn ma xulxin in forza ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Marco Burlo datat l-ewwel ta' Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001);

"U peress illi l-kontendenti kienu dahlu ghal dan iz-zwieg minghajr ebda preparazzjoni serja ta' xejn u difatti fid-data tat-tieg kienu ghadhom zghar hafna fejn il-konvenut kien ghadu kemm ghalaq tnejn u ghoxrin sena filwaqt li l-attrici kien ghad ghandha tmintax-il sena;

"U peress illi ghalkemm il-kontendenti kienu irrejalizzaw mal-ewwel li ma kienux lesti li jghixu hajja mizzewga ma' xulxin huma kienu ddecidew li jibqghu maghquda minhabba li kienu gew l-ulied kmieni fiz-zwieg;

"U peress illi fil-fatt meta t-tfal kienu kibru u mmaturaw daqxejn, il-kontendenti iddecidew li ma setghux jibqghu

jghixu aktar flimkien taht l-istess saqaf u ghaddew ghas-separazzjoni legali;

"U peress illi l-konvenut qatt ma kkomporta ruhu bhala ragel mizzewweg fil-konfront ta' l-attrici tant li baqa jagixxi bhallikieku kien ghadu guvni;

"U peress illi l-konvenut qatt ma kellu l-intenzjoni li jibqa' fidil lejn martu tul hajjtu u anqas kien iqis ir-rabta ta' bejniethom bhala dejjiema tant li ma l-icken intopp li kien inqala bejniethom, huwa mill-ewwel kien jitlaq il-barra mid-dar konjugali u gieli kien jaghmel xi ljieli barra oltre li kien jidhol f'relazzjonijiet ma haddiehor bl-iskuza li kien ikun qed jistad;

"U peress illi ghalhekk il-kunsens taz-zewg partijiet jew min minnhom fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dana ai termini tal-artikoli 19 (1) (d) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Peress illi inoltre l-kunsens taz-zewg kontendenti jew min minnhom kien fil-mument taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dana ai termini tal-artikolu 19 (1) (f) Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

"Peress illi ghalhekk iz-zwieg ikkontrattat bejn il-kontendenti fit-3 ta' Dicembru tas-sena 1983 huwa null u bla effett fil-ligi;

"Ighid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet fuq premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkontrattat mill-kontendenti fit-3 ta' Dicembru 1983 huwa null u bla ebda effett legali u taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega illi jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

“Bl-ispejjes kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attrici u l-lista tax-xhieda;

“Rat li l-konvenut debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

“Rat l-atti kollha tal-kawza;

“Semghet provi bil-gurament;

“Ikkunsidrat;

“Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fit-3 ta’ Dicembru 1983 huwa null fil-ligi in bazi ghal dak kontemplat fil-paragrafi [d] u [f] tal-Artikolu 19[1] tal-Kap.255.

**“Kwadru tal-fatti**

“Mill-kumpless tal-provi ddelinea s-segwenti kwadru tal-fatti. Il-partijiet ikkuntrattaw zwieg f’ Mata fit-3 ta’ Dicembru 1983 wara li kienu ilhom jiffrekwentaw lil xulxin circa 4 snin. Fid-datat taz-zwieg l-attrici kellha 18 il-sena u l-konvenut kellu 22 sena. Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt it-tfal. Fl-1 ta’ Marzu 2001 il-partijiet, wara konvivenza ta’ circa 16 il-sena, iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali konsenswali; u fit-28 ta’ Jannar 2005 l-attrici intavolat il-proceduri odjerni.

“Mill-atti jirrizulta li wara ftit snin taz-zwieg il-konvenut kellu relazzjonijiet extra matrimonjali bil-konsegwenzjali tibdil fil-komportament tieghu fil-konfront ta’ l-attrici. Dan gab mieghu t-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg bejn il-partijiet.

**“Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

“Illi tenut kont tal-kawzalijiet formanti l-bazi ta’ l-azzjoni odjerna, is-segwenti osservazzjonijiet huma opportuni:

“[1] Fl-ewwel lok hija relevanti l-osservazzjoni li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, u konformament ma’ dan il-principju kardinali f’ materja ta’ prova, l-oneru tal-prova jirrisjedi fuq il-parti li tallega. Multo magis f’kazijiet bhal dawn in disamina fejn tezisti fil-ligi presunzjoni legali dwar il-validita` tal-kuntratt taz-zwieg, sakemm ma jigix muri l-kuntrarju bi provi sodisfacenti li jezistu, wiehed jew aktar, mir-ragunijiet espressament kontemplati fil-ligi *[App.Joseph Zammit vs Bernardette Zammit deciza 27.01.2006].* Fil-kaz in disamina l-attrici li qed titlob l-annullament, sabiex tirnexxi fl-azzjoni taghha, ghandha l-obbligu li tipprova sodisfacentement l-esistenza tal-fatti li fuqhom huma bazati l-capita nullitatis fuq indikati, jew wiehed minnhom.

“[2] In propositu gie osservat fil-kawza *“App.C. Josette Spiteri vs George Spiteri [*Vol.LXXXV.II.81]* illi: “Jinsab assodat fil-gurisprudenza li jkun hemm difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kemm-il darba jirrizulta li, fil-mument ta’ l-ghoti tal-kunsens, parti jew ohra, tkun priva b’ mod sostanzjali, ossia “gravi”, minn dik il-fakolta’ kritiko–estimattiva jew kritiko-valutattiva dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg; jew minn dik il-maturita’ affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Ghalhekk difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju mhux semplicement nuqqas ta’ hsieb, jew nuqqas ta’ riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizzjonijiet zbaljati [infatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettamet kompatibbli ma’ diskrezzjoni ta’ gudizzju – *PA [21.11.1995] Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri*] “Li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkun irrflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga ma jammontax necessarjament ghal difett [serju] ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju *[PA Selina Maria Vella Haber vs Joseph Gatt – 15.4.1996]* Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju kif ravvizat fl-artikolu 19[1][d] irid ikun hemm l-inkapacita’ psikika [mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku] jew

kostituzzjonali li wiehed jagharaf u jirrifletti u li jiddecidi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali”

“Konformament mal-premess sabiex l-azzjoni attrici tirnexxi fuq din il-kawzali, jehtieg li jigi provat sodifacentement li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens , il-partijiet jew wiehed minnhom, kien affett minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja matrimonjali u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali li din timporta. “In altri termini e’ necessaria la discrezione non tanto per l’ atto in se al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell’atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro.” *[Bersini -citat fil-kawza PA Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri deciza 4.11.1994]* L-obbligazzjonijiet essenzjali fil-hajja matrimonjali huma bazati fuq il-kuncett ta’ unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli diretta ghal komunjoni ta’ hajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Din il-kapacita` li jassumi dawn l-obbligi ghandha tezisti fiz-zewg partijiet. *[PA Charles Atkins vs Matilde Atkins deciza 2.10.2003].*

“Izda la decizjoni zbaljata u lanqas kull stat ta’ immaturita` ma huma sufficjenti sabiex jintegraw din il-*caput nullitatis*. Illi ma hemmx bzonn li parti jkollha xi livell gholi ta’ maturita’ jew edukazzjoni, izda ta’ l-anqas il-livell irid ikun tali li dik l-istess parti tkun kapaci taghmel valutazzjoni shiha, ponderata u libera dwar iz-zwieg u dwar id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg *[ PA Melanie Borg Cardona vs Joseph Borg deciza 29.10.2003]*

“Il-premess, applikat ghall-fatti tal-kaz in disamina, iwassal ghall-konkluzjoni li din il-kawzali ma tinsabx sostnuta mill-provi. Ma jirrizultax provat li qabel iz-zwieg u senjatament, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens, l-attrici jew il-konvenut, kienu inkapacitati minn difett serju ta’ diskrezzjoni fit-termini tal-artikolu precitat. Mill-provi rrizulta li qabel ma zzewgu dawn kienu ilhom jafu lil xulxin circa 4 snin. Ma rrizultax li il-partijiet dahhlu ghaz-zwieg impreparati minghajr dik il-maturita` u l-gudizzju dwar l-importanza tad-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga; u l-fatt li, anke wara ftit snin ta’ zwieg, il-konvenut, skond l-allegazzjoni attrici, beda jonqos mid-doveri tieghu konjugali,

senjatament dak tal-fedelta`, ghalkemm dan jista' jghati lok ghal seprarazzjoni personali bejn il-partijiet, kif fil-fatt sehh f' Marzu 2001, ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li l-konvenut ma kienx konxju tad-doveri tieghu fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu jew li kellu dik l-inkapacita` psikika li kienet tipprivah milli jaghraf, jirrifletti u jiddecidi fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali.

"In fine jigi osservat in propositu ghal din il-kawzali in kwantu bazata fuq it-tieni parti tal-paragrafu [d], li ma giet provata ebda anomalija psikologika serja u li kienet taghmilha mpossibbli ghal partijiet, jew ghal parti minnhom li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

"[3] Rigward il-kawzali bazata fuq il-paragrafu [f] tal-Artikolu precitat, jigi rilevat li kif osservat din il-Qorti fil-kawza *PA Brigitte Veneziano Broccia vs Avk.Dr.Joseph Sammut* noe deciza 9.12.2002, is-simulazzjoni tiehu l-forma ta' dak li fid-duttrina civili hu deskritt bhala *colorem habet substantiam vero nullam* li b'konsegwenza jirrendi l-kuntratt bhala interament fittizju. Jkun hemm simulazzjoni f'kuntratt taz-zwieg meta fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew it-tnejn, esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b'att pozittiv tal-volonta` taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg [simulazzjoni totali] jew tkun qed teskludi xi element jew proprjeta` essenzjali ghaz-zwieg [simulazzjoni parzjali] [*PA Muscat vs Borg Grech – 14.08.1995; Alfred Tonna vs Maria Tonna – 31.01.1996*]

"In propositu, il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet fattwali premessi, tosserva li ma jirrizultax sodisfacentement provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu, il-konvenut eskluda b'att posittiv tal-volonta` tieghu l-obbligu tal-fedelta` fil-hajja matrimonjali. Anke fir-rigward ta' din il-kawzali, jigi osservat li l-fatt li wara ftit snin ta' zwieg il-konvenut beda jonqos mill-obbligu tal-fedelta` lejn martu l-attrici, ma jwassalx necessarjament ghall-integrazzjoni ta' din il-*caput nullitatis*. Fi kliem iehor, ma jirrizultax sodisfacentement provat li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens tieghu, il-konvenut eskluda dan l-obbligu matrimonjali.

"F'dan ir-rigward u referibbilment ghaz-zewg kawzalijiet proposti mill-attrici bhala ragunijet ghat-talba taghha, il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax provat ghas-sodisfazzjoni ta' din il-Qorti li l-infedelta` tal-konvenut bdiet fl-ewwel xhur taz-zwieg tal-kontendenti, li fihom, skond l-istess attrici hija kellha biss suspetti u xejn aktar; imma l-Qorti hija izjed propensa li temmen li dan il-komportament illecitu da parti tal-konvenut beda ferm aktar tard fil-hajja matrimonjali.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li mill-provi mismugha t-talba attrici ma tirrizultax gustifikata, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, u ghalhekk ma timmeritax li tigi milqugha.

"Mhux inopportuna l-konsiderazzjoni maghmula minn din il-Qorti f'diversi sentenzi precedenti taghha li "Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta` u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-akbar rispett, ukoll jekk hija sejra thares lejh mill-punto di vista civili biss." Dan bl-iskop li ma jigix annullat zwieg fuq ix-xewqa tal-parti jew partijiet, izda kif hekk inhu xieraq fuq is-serjeta` u l-bazi tar-rekwiziti legali. Ghalhekk jekk l-ghazla singolari jew kongunta tal-partijiet kienet zbaljata, dan m' ghandux iwassal sal punt li z-zwieg jisthoqqlu li jkun annullat. Mod iehor dan il-kuntratt hekk serju, ghax maghmul skond il-ligi u li jikkostitwixxi l-ligi ta' bejniethom [kif hekk jesprimi l-Art.992] jigi stultifikat u rez insinifikanti. Kapaci wkoll jservi ta' pretest ghal kull min iz-zwieg tieghu ma jirnexxiex biex jannulla kuntratt li jisthoqlu invece jibqa' fis-sehh [*App.C Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia – 28.07.1987*, citata b'approvazzjoni *PA[PS] Christine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002* u *PA[PS] Chritine Ellul vs Brian Ellul – 21.10.2002*]

**"Decide**

"Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez.

## <u>L-appell</u>

**3.** Minn din is-sentenza appellat, kif inghad, l-attrici permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Mejju 2006. L-aggravju – ghax essenzjalment dan huwa wiehed – taghha huwa maghmul jikkonsisti filli l-ewwel Qorti, fi kliem l-istess appellanti, "ghamlet interpretazzjoni zbaljata tad-dritt u kif ukoll apprezzat hazin il-provi prodotti". Dwar il-*caput nullitatis* ravvizat fl-Artikolu 19(1)(d), l-appellanti, wara li ticcita diversi awturi u decizjonijiet, fosthom ta' tribunali ekklesiastici, tilmenta bazikament li l-ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni bizzejjed tal-eta` tal-kontendenti meta zzewgu kif ukoll tal-fatt li, kif tghid hi, meta zzewgu kienu ghadhom "jirragunaw ta' tfal" u kienu "mohh ir-rih". Ir-rikors ta' appell hu mizghud bi kwotazzjonijiet mill-affidavit taghha, minn dak ta' ommha u mid-deposizzjoni taghha moghtija *viva voce* quddiem l-ewwel Qorti – affidavits (qosra) u deposizzjoni li din il-Qorti tosserva li kienu <u>l-unici provi li l-attrici ddecidiet li tressaq f'din il-kawza</u>. L-istess ghamlet dwar is-simulazzjoni: hafna kwotazzjonijiet minn sentenzi, segwiti b'lamentela li l-ewwel Qorti ma' ghamlitx valutazzjoni korretta tal-provi.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

**4.** Din il-Qorti, ezaminati l-atti kollha, hi tal-fehma li dana l-appell huwa manifestament infondat, jirrazenta l-fieragh, u li kieku ma kienx ghall-fatt li l-abbili difensur tal-appellanti ghamel sforzi enormi biex jipprova jibni kaz mix-xejn, din il-Qorti ma kienitx tezita li tikkwalifika l-appell bhala wkoll wiehed vessatorju.

**5.** Jibda biex jinghad li l-ewwel Qorti ghamlet esposizzjoni ineccepibbli tal-posizzjoni legali in kwantu jirrigwarda kemm is-simulazzjoni kif ukoll id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Ghall-kompletezza din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-16 ta' Novembru 1999 fil-kawza fl-ismijiet ***Sylvana Bugeja nee Armeni v. David Bugeja*** in tema ta' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju. Kwantu ghas-simulazzjoni, jizdied ukoll jinghad li l-att pozittiv tal-volonta` jista' jigi manifestat anke implicitament, jigifieri

mill-mod kif wiehed igib ruhh jew mill-assjem ta' dawk ic-cirkostanzi tal-hajja ta' dak li jkun li jkunu jindikaw tali att pozittiv tal-volonta` fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali. Kif jghid il-gurista Jose` F. Castagno[1]: ***"La volonta`, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi. E` per questo che la volonta` puo` essere ritenuta una facolta` poliglotta e quindi parla attraverso molteplici linguaggi, senza che sia neccessario che lo faccia espressamente."*** [2]

**6.** Il-problema f'dan il-kaz, pero`, hija n-nuqqas ta' provi li hemm. Ghalkemm fil-lista tax-xhieda taghha, annessa mac-citazzjoni, l-appellanti indikat lill-konvenut, familjari tal-kontendenti u ex-kollegi tax-xoghol fejn kien jahdem il-konvenut, hija baqghet ma gabet xejn minn dan kollu hlief, kif inghad, l-affidavits qosra taghha (fol. 15) u ta' ommha (fol. 24) – dan ta' l-ahhar kontenenti element ta' *hearsay* – u, wara li l-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' l-Assistent Gudizzjarju u prattikament ordnat lill-attrici sabiex tixhed quddiemha *viva voce* [3], l-istess deposizzjoni tal-attrici. Kieku kien ghall-appellanti, hija kienet tillimita ruhha ghaz-zewg affidavits – ara d-dikjarazzjoni tal-avukat difensur taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dott. Kenneth Gulia fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2005, fol. 22 tal-atti. U proprjament, anke dawn iz-zewg affidavits ma ghandhomx jittiehdu in konsiderazzjoni mill-Qorti, peress li dawn ma jirrizultax li qatt gew notifikati lill-konvenut[4]. Wara li l-attrici ddeponiet quddiem l-ewwel Qorti fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 2006, hija regghet iddikjarat li ma kellhiex aktar provi (ara fol. 29).

**7.** Din il-Qorti ezaminat mhux biss id-deposizzjoni tal-appellanti moghtija fl-udjenza msemmija izda anke l-affidavit taghha u ta' ommha u, bhall-ewwel Qorti, tasal ghall-konkluzjoni li l-attrici la ppruvat li hija jew zewgha kienu, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, ibatu minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-

---

[1] ***Il Sacramento del Matrimonio***, Seconda Edizione (Roma) 1992.
[2] Pagna 385.
[3] Ara l-verbal tal-25 ta' Jannar 2006 a fol. 28 tal-atti.
[4] Ara f'dan is-sens ***Sonia Micallef nee` Pace v. Paul Micallef*** Prim Awla, 23/11/1999.

Artikolu 19(1)(d), u anqas ma ppruvat li kien hemm simulazzjoni da parti ta' zewgha jew da parti taghha meta zzewgu. Din il-Qorti tikkondividi pjenament il-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti a bazi tal-ftit provi li kellha quddiemha. Li jinghad aktar f'din is-sentenza jkun hela ta' zmien.

**Decide**

**8.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Spejjez ta' dana l-appell a karigu ta' l-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------